TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Charlot Borg

vs

Top Choice

CCT 112/20/MS

20 ta' Jannar 2021

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrent ipprezentat fis-27 ta' Awwissu 2020 fejn talab ir-rifuzjoni ta' €927.37 rapprezentanti danni, u dan wara li xtara heater minghand is-socjeta' intimata, liema heater kellu thermostat difettuz, u konsegwenza ta' dan il-kont tad-dawl gieh tlett darbiet gholi mis-soltu.

Ra r-risposta tal-azjenda intimata ipprezentata fid-19 ta' Ottubru fejn eceppiet illi ma kienx hemm evidenza illi l-konsum kien gholi esklussivament minhabba l-heater u anke jekk kien hemm difett fit-thermostat, li kieku dan gie rapportat minnufih kien jinbidel minghajr problemi. Ir-rapport sar fit-3 ta' Gunju 2019. Ma ngabitx prova ta' kif ir-rikorrent wasal ghal-ammont ta' €927.37 u din ic-cifra hija eccessiva.

Ra l-atti kollha tal-process.

Sema' x-xhieda bil-gurament.

Ikkunsidra

Irrizulta mill-provi illi f'April 2019 ir-rikorrent xtara heater minghand l-azjenda intimata. F'Novembru 2019 dan zviluppa hsara u rizultat ta' dan biddilha ma mudell iehor. Alavolja ma kienx l-istess mudell, is-salesgirl ikkonfermat li kellu l-istess features ghal dak li huwa power rating convection bi thermostat u tatu garanzija li ma kienx ser ikun hemm ebda differenza fil-kont. Beda juzah f'Dicembru 2019 fl-istess zmien li kien ser jibda kont gdid (Dicembru - Marzu). Meta gie il-kont f'Marzu, kien gholi hafna iktar mis-soltu. L-uniku appliance li kien differenti f'dak il-perjodu kien il-heater u gab electrician biex jiccekja l-affarijiet, izda ma kien hemm l-ebda hsara u allura qala' l-heater lejn l-ahhar ta' Marzu, u s-sitwazzjoni marret lura ghan-normal. Ikkuntattja l-azjenda intimata pero' minhabba s-sitwazzjoni tal-Covid ma marx ghandhom bl-appliance u stenna sa' Gunju biex jiehdu lura. Meta hadu lura, qalulu li l-appliance kien diffetuz u biddlulu t-thermostat. Ma regax uza l-heater. Ir-rikorrent ighid li

wasal ghac-cifra ta' disa mija u sebgha u ghoxrin Euro ghaliex ha l-average tal-units meta kien normal (1500 - 1600 KWH) u ikkomparah mal-ammont ta' 2856 units.

Illi min-naha l-ohra, Robert Tabone ghall-azjenda intimata, filwaqt li kkonferma li r-rikorrent xtara zewg heaters, li t-tnejn kienu tal-istess vultagg - 2000 watts, u allura bhala konsum ma kienx ser ivarja. Ikkonferma wkoll illi r-rikorrent kien gab heater minnhom ghat-tiswija ghaliex il-konsum kien gholi hafna u meta ccekjawh, sau li t-thermostat kien difttuz. Qal ukoll illi r-rikorrent kien ilmenta mal-Customer Care ghaliex il-kontijiet kienu gholi u huwa dahal fi tieni fazi fejn qal illi tali konsum mhux bilfors kien gej biss mill-heater. Qal ukoll illi r-rikorrent kien qallu li t-tifel kien jaghmel xi 16 - il siegha id-dar bil-heater mixghul u li kienu ziedu n-numru ta' membri tal-familja u ried isahhan id-dar. Skond l-intimat, il-maximum li seta' wehel bhala konsum zejjed kien ta' xi €300, pero' ma kienx lest li jhallas l-ebda kont tad-dawl, ghaliex skond hu jekk kien hemm dan id-difett fit-thermostat, il-kamra kienet tkun overheated u allura seta' jinduna b'dan.

Ikkunsidra

Illi jidher illi hemm qbil bejn il-partijiet li l-heater mertu tal-kawza kellu diffett fil-thermostat. Dan gie konfermat anke minn Robert Tabone, illi xehed illi 'mija fil-mija kien hemm diffet't. L-argument tieghu huwa illi dan id-difett seta' jigi konstatat facilment mir-rikorrent u ghalhekk m'ghandux ibati l-ebda danni relatati ma' kontijiet tad-dawl tar-rikorrent, il-ghaliex li kieku dan id-difett gie msewwi, ma kienx ikun hemm konsum zejjed. Ighid ukoll illi ma giex ippruvat illi r-raguni tal-konsum zejjed kien esklussivament gej minn dan id-difett u kien hemm fatturi ohra li setghu jikkontribiwixxu ghal dan. Ighid ukoll illi l-ammont reklamat mir-rikorrent u esagerat fic-cirkostanzi.

Illi min-naha l-ohra r-rikorrent esebixxa numru ta' kontijiet tad-dawl biex juri d-differenza fil-konsum. Bejn April 2019 u Dicembru 2009 il-kontijet tad-dawl kienu €158.60 (April - Gunju); €214 (Gunju - Awwissu) u €142.24 (Awwissu - Ottubru) u €224.57(October - December). L-ewwel heater inxtara f'April u zviluppa hsarat f'Novembru. It-tieni heater inxtara f'Novembru u beda jintuza f'Dicembru. Allura dawn il-kontijiet tista' tghid illi ghandhom x'jaqsmu mal-ewwel heater. Terga' u tghid illi bejn April u Novembru, ma tantx jaghmel bard f'Malta u allura jista' jaghti l-kaz ukoll illi l-heater ma tantx intuza, almenu sa' Novembru. L-iktar li jintuza heater huwa fix-xhur tax-xitwa - bejn Dicembru u Marzu. Il-kont minn Dicembru 2019 sa Frar 2020 huwa ta' €821.79, u minn Frar 2020 sa April 2020 ta' €590.00. Ir-rikorrent beda juza l-heater l-gdid f'Dicembru 2019 u waqaf juzah f'Marzu 2020 - dan huwa rifless fil-kontijiet tad-dawl ghaliex il- kont minn Frar sa' April huwa iktar minn mitejn Euro inqas minn dak ta' qablu.

Ikkunsidra

Illi huwa minnu illi l-iktar kont gholi kien dak tax-xhur tax-xitwa bejn Dicembru u Frar u ghalekk seta' kien hemm fatturi ohra, apparti l-heater li kkontribwew ghal kont gholi, (jaghmel hafna izjed bard f'Jannar u Frar milli f'xhur ohra). Pero' xorta wahda, t-Tribunal huwa sodisfatt illi l-hsara hsara kkontribwiet ghal konsum zejjed. L-argument tal-intimat illi r-rikorrent seta' jinduna bil-hsara ma tantx treggi il-ghaliex il-heater kien ghadu gdid fjamant, u allura dak li jkun (specjalment jekk ma jifhimx) mhux bilfors ser jinduna bil-hsara, iktar u iktar jekk il-hsara ma tkunx ovvja u l-appliance jiffunzjona xorta wahda. Il-kontijiet kollha li esebixxa r-rikorrent juru illi kien hemm din iz-zieda propju f'dawk ix-xhur illi kien qed jintuza dan il-heater u dan ikompli jsahhah l-argument tar-rikorrent.

Illi anke l-intimat ikkonceda illi seta' kien hemm konsum zejjed, pero' ighid li l-ammont reklamat mir-rikorrent huwa esagerat u li ammont ta' circa tlett mitt Euro (minflok l-ammont ta' disa' mitt Euro reklamat mir-rikorrent) huwa iktar realistiku.

Ikkunsidra

Illi kif xehed ir-rikorrent stess, il-heater l-gdid beda jintuza f'Dicembru 2019 u r-rikorrent waqaf juzah f'Marzu 2020. Il-kont tad-dawl ghal kwazi hames xhur ghall-perjodu bejn 7 Dicembru 2019 u 27 April 2020 kien ta' €1411.79. Ir-rikorrent qed jitlob rifuzjoni ta' €927.37. Dan ifisser illi r-rikorrent jidhirlu illi ghandu jhallas biss €484.42 ghal kwazi hames xhur (circa €95 fix-xahar, li huwa ferm inqas milli kien qed ihallas qabel). Dan mhuwiex realisiku fic-cirkostanzi ghaliex il-kontijiet ta' qabel kienu gieli jitilghu ghal mitejn Euro u iktar ghal xahrejn anke fir-rebbiegha (ara kont April - Gunju 2019 fl-ammont ta' €214 i.e. €107 kull xahar) u l-kont Ottubru - Dicembru fl-ammont ta' €224.00 Allura wiehed jistenna illi kont ghal perjodu tax-xitwa ha jkun iktar minn €224.00 ghal kull xahrejn. Terga' u tghid illi hawnhekk qed nitkellmu fuq perjodu ta' kwazi hames xhur fix-xhur meta jkun hawn hafna bard. Illi wara li qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, jidhirlu illi ghalhekk ghandu jilqa' t-talba tar-rikorrent, pero' mhux fl-ammont kollu indikat minnu.

Ghal dawn ir-ragunijiet, jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' parzjalment it-talba tar-rikorrent billi jiddikjara s-socjeta' intimata responsabbli ghad-danni reklamati mir-rikorrent, jillikwida arbitrio bono viri dawn id-danni fl-ammont ta' erba' mitt euro u jikundanna l-isocjeta' intimata li thallas din is-somma lir-rikorrent. Bl-ispejjes ghandu jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet.

Michela Spiteri Av.
Arbitru